**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha l-1 ta' April 2016

Avviz Nru 52/2015

Sammy Magro f'ismu propju u ezercitanti l-kummerc Sammy's Motoring School.

Vs

Dr. Jean Paul Grech li b'digriet tad-19 ta' Jannar 2016 gie mahtur Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil assenti Piotr Majewski.

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas fis-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin ewro u disghin centezmu (€ 658.90) danni subiti fuq motorcycle ta' l-attur li fuqu kien qed jitghallem isuq il-konvenut wara incident li sehh tort tal-konvenut. Bl-ispejjes kif mitlub.

Ra' r-risposta tal-konvenut nomine li permezz taghha eccepixxa illi ma huwiex edott mill-fatti in kawza, izda ikkontesta t-talbiet attrici.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digrieti u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut Majewski jahti unikament ghal hsara li saret fuq il-motorcycle ta' l-attur, meta dan sfida l-ordinijiet ta' min kien qed jghallmu jsuq, u ghamel ta' rasu, bil-konsegwenza li sehh l-incident de quo. Jidher illi l-konvenut meta kien ghadu f'dawn il-gzejjer ammetta tacitament ir-responsabbilita meta kien beda jhallas id-danni u kien gia hallas mitt ewro (€ 100). Dan wara li flimkien marru ghand min kien se jirranga l-mutur u qablu dwar it-tiswijiet. Id-danni jirrizultaw pruvati bix-xhieda ta' Jason Portelli l-mechanic inkarigat.

F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis it-talba attrici bhala gustifikata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u disghin centenzmu (€ 658.90) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza l-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha ikunu a karigu tal-konvenut nomine, salv id-drittijiet tal-kuratur li provvizorjament ghandhom jithallsu minn l-attur.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**Daniel Sacco**

**D/Registratur**